MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 28/2017

Il-Ġimgħa 10 ta' Marzu 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

28.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 27/07/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

28.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

28.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

Il-Viċi-Sindku staqsa dwar l-ammont tal-*Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill qabel illi jintalab l-ammont lill-Awtorita tal-Ippjanar kif inhu maqsum bejn iż-Żebbuġ u Marsalforn.

Chev C Saliba qal illi l-applikazzjoni tal-ġemellaġġ ġiet sottomessa fil-ħin minkejja t-tfixkil, bsaten fir-roti u problemi minn ġewwa l-Kunsill. Chev C Saliba qal illi huwa ma jaċċettax li min kien responsabbli ma tanix sempliċi *password* tal-PIN (Personal Identification Number) li huwa tal-Kunsill Lokali u li ried jiġi użat għall-applikazzjoni tal-ġemellaġġ. Is-Sindku qal illi ddispjaċih għal li ġara għal din l-applikazzjoni. Finalment ir-raħal taż-Żebbuġ kien ser jitlef.

Dwar il-*musical* 'Ikun li Trid Int' Chev C Saliba ssuġġerixxa li jsir taħt il-patroċinju tal-Onor. Anġlu Farrugia, Speaker tal-Kamra tad-Deputati. Il-Kunsill qabel u kien hemm qbil ukoll illi jiġu mistiedna l-Membri Parlamentari Għawdxin.

Chev C Saliba nforma lill-Kunsill illi l-ħarġa għal Malta nżammet fit-3 ta' Marzu. Mill-membri tal-Kunsill attendiet ukoll il-Kunsilliera S Grech. Chev Saliba ppreżenta riċevuta tad-dħul f'Forti Sant'Anġlu bl-ammont ta' €17, liema ammont inġabar mingħand il-parteċipanti.

Chev C Saliba staqsa x'kienu r-rekwiżiti għall-ingaġġ ta' persuna taħt l-iskema CIES, min għamel ir-rekwiżiti u jekk dawn ġewx approvati f'laqgħa tal-Kunsill.

Dwar is-suġġeriment li għamlet il-LESA, Chev C Saliba rrimarka illi min irid jibqa anonimu m'għandux jinqeda bil-Kunsill.

Dwar il-punt nru. 27.5.8 tal-aħħar minuti Chev C Saliba żied illi dan jissostanzja kemm kellu raġun l-Kunsill meta m'approvax il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u talab direzzjoni tad-Dipartiment.

## 28.3 Tiswija tal-moll fix-Xwejni;

28.3.1 Is-Sindku qal illi saret spezzjoni fuq il-post flimkien mal-Perit u l-Viċi-Sindku rigward il-ħsara li ġarrab il-moll fix-Xwejni.

28.3.2 Il-Perit tal-Kunsill bagħat stima għat-tiswija tal-moll fix-Xwejni. Din l-istima hija għall-valur ta' €24,473.20. Il-Perit kiteb illi jista jkun illi l-ammont ikun anqas iżda mhux b'ħafna. Jista jkun ukoll li r-rati tal-offerta jkunu orħos.

28.3.3 Il-Kunsill qabel illi joħroġ offerta għal dan ix-xogħol.

## 28.4 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti/kwotazzjonijiet;

28.4.1 Kisi mill-ġdid tat-toroq b'*hot rolled asphalt*;
Offerta Nru. 01/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tas-Sindku, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Gatt Tarmac Ltd. - €71,015.30 (Vat eskluż);
- Road Construction Co. Ltd. - €70,275.22 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Road Construction Co. Ltd. u l-Kunsill qabel unanimament.

28.4.2 Provvista ta' konkrit *ready mix* u materjal relatat;
Offerta Nru. 02/2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tas-Sindku, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Gatt Tarmac Ltd. - €272.35 (Vat eskluż);
- Road Construction Co. Ltd. - €223.60 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Road Construction Co. Ltd. u l-Kunsill qabel unanimament.

28.4.3 **Provvista u nstallazzjoni ta' sinjali tat-traffiku tat-toroq**

Offerta Nru. 03/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tas-Sindku, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Signmark Ltd. - €315.00 (Vat eskluż);
- Refalo Signs - €97.30 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Refalo Signs u l-Kunsill qabel unanimament.

28.4.4 **Tindif u żamma tal-*playing field* taż-Żebbuġ, il-*promenade* tal-Qbajjar u Ġnien Serħan is-Sagħtrija**

Offerta Nru. 04/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tas-Sindku, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. L-ebda offerta ma laħqet il-kriterji mitluba, għaldaqstant is-sejħa ġiet skwalifikata.

Il-membri tal-Kunsill qablu li tinħareġ offerta oħra appena jkun possibbli. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali meta mitlub parir min-naħa tal-Kunsill dwar dan il-kaz ikkonferma li l-offerenti huma kollha mhux kompatibbli finanzjarjament.

Dwar din l-offerta kien hemm korrispondenza mingħand Green Skip Services Ltd. fejn infurmaw lill-Kunsill illi l-offerta tagħhom ġiet imtella bi żball f'*folder* ieħor tal-*e tenders website*. Il-Kunsill qabel illi din għandha tiġi eliminata.

Korrispondenza oħra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'ilment dwar ħaxix ħażin ġol-*Playing Field* intbagħtet fl-4.22pm tal-10 ta' Marzu 2017. Il-Kunsill qabel illi jwieġeb illi l-istess ritratti li ntbagħtu b'dan ilment kien intbagħtu lill-Kunsill b'mod unanimu f'Novembru 2016. Ittieħdet azzjoni mmedjata u l-post ġie mnaddaf. B'kumbinazzjoni reġa daħal dan l-istess ilment bl-istess ritratti fl-istess ġurnata li kienet ser issir l-aġġudikazzjoni fuq din l-offerta għaliex hemm intenzjonijiet ulterjuri.

28.4.5 **Provvista u nstallazzjoni ta' bankijiet**

Kwotazzjoni Nru. 01/2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-kwotazzjonijiet miftuħa nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Marzu 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tas-Sindku, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. L-offerenti kienu:

- Green Skip Services Ltd.;
- Bonnici Brothers Services Ltd.;
- De Valier Co. Ltd.;
- Anton Zarb.

L-ewwel tlett offerenti qabzu l-massimu tal-budget u kien Anton Zarb bl-ammont ta' €4147.37 (Vat eskluż) li kien fil-parametri tal-budget. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa qabel, ta' din il-kwotazzjoni. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Anton Zarb u l-Kunsill qabel unanimament.

28.4.6 **Provvista ta' konsenja ta' żebgħa għal barra**

Kwotazzjoni Nru. 02/2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-kwotazzjonijiet miftuħa nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Marzu 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tas-Sindku, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Berger Paints (Malta) Ltd. - €106.45 (Vat eskluż);
- Mallia Property & Developments Co. Ltd. - €115.08 (Vat eskluż);
- Rapa Showrooms Co. Ltd. - €112.37 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa qabel, ta' din il-kwotazzjoni. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Berger Paints (Malta) Ltd. u l-Kunsill qabel unanimament.

## 28.5 Kera tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill;

28.5.1 Chev C Saliba rrimarka illi l-Kunsill Lokali beda jamministra minn ġewwa l-iskola. Kienet ħarġet offerta fejn ġie magħżul il-post li qegħdin fih illum. Wasal iż-żmien li tinħareg *expression of interest* sabiex jinstabu postijiet alternattivi bi prezz raġjonevoli. Dan għall-fatt li l-valur tal-kera rdoppja u rċivejna ittra bl-Avukat wara li rranġajna l-uffiċini. Chev Saliba żied jgħid illi hawn min hu lest jikri lill-Kunsill u l-post huwa *disabled friendly* b'*area* kbira u bi prezzijiet aħjar.

28.5.2 Is-Sindku qal ili kemm f'din il-leġislatura kif ukoll f'ta qabilha saret spiża ta' madwar €18,000 u nvestew biex jiġi rranġat l-Uffiċċju kif jinsab illum. Huwa qal illi jifhem lil Chev Saliba pero wasal il-mument li l-Kunsill ikollu l-proprjeta tiegħu. Sostna illi kera b'kera nibqgħu fejn aħna.

28.5.3 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali wara mistoqsija li saritlu mill-Kunsill dwar dan is-suġġett talab lill-Kunsill jispeċifika x'linja gwida qed tintalab mingħand id-Dipartiment dan għaliex prima facie d-deċiżjoni tal-Kunsill tidher li hija leġittima.

28.5.4 Il-Viċi Sindku nsista li għandna niddiskutu mas-sid tal-kera tal-Uffiċċju li qed noperaw minnu bħalissa.

28.5.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kkuntattja lis-sid tal-kera tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill sabiex jattendi għal din il-laqgħa. Is-Sur T Vella nfurmah illi ma setax jattendi għall-laqgħa ta' llum u għaldaqstant il-Kunsill qabel illi jistiednu għall-laqgħa li jmiss sabiex jiddiskuti miegħu dan is-suġġett.

## 28.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;

28.6.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM22/2017 tat-Tnejn 24 ta' Jannar 2017 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

## Materji oħra

Il-Perit tal-Kunsill bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar il-bini tal-latrina fix-Xwejni. Huwa spjega li hemm spiża ta' madwar €4000 żejda sabiex jimtela spazju bejn il-latrina u l-blat bil-konkos C15 li qabel kien previst li jimtela biż-żrar. Il-Kunsill qabel. Il-Viċi-Sindku qal illi tajjeb li l-affarijiet ikunu aktar ċari minn qabel.

Ġiet diskussa applikazzjoni PA01398/17 f'sit fi Sqaq Anton Mallia. Is-Sindku qal illi tkellem mal-Perit u dan għandu jara l-pjanti. Il-Kunsill qabel illi jagħmel laqgħa mar-residenti milquta minn din l-applikazzjoni peress illi jidher illi parti mill-bini propost ser ikunu f'żona ODZ. Ġie deċiż illi jintbagħat avviż lir-residenti biex ikunu nfurmati b'laqgħa li ser issir it-Tlieta li ġejja fis-7.30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi l-*interviews* għall-ingaġġ ta' persuna taħt l-iskema ta' *Community Employment Inclusive Scheme* (CIES) isiru nhar il-Ħamis, 6 t'April 2017 fl-4.30p.m. Għal dan il-post daħlu żewġ applikazzjonijiet.

Il-Kunsill approva applikazzjoni tas-Sur J Mercieca sabiex ikun jista jsir bbq taħt il-Qolla l-Bajda fix-Xwejni fit-18 ta' Marzu 2017.

Il-Kunsill irringrazzja lill-Arcipriet tal-Parroċċa tal-għoti taż-żewġ kotba li offra lill-Kunsill bl-isem 'Fra Grazzja Gauci Agostinjan – Il-Bniedem Tajjeb u Twajjeb ma' Kulħadd Qaddej Fidil tal-Evanġelju' mingħand il-Patrijiet Agostinjani.

## 28.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Ħamis 6 t'April 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 6 ta' April 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Nicky Saliba | Josianne Cassar |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |